KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 52/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 52

*L-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar L-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018. Il-laqgħa kienet skedata għall-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-Kunsillier |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Nicholas Seychell-Kunsillier |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Viċi Sindki Axisa u l-Kunsillier Seychell talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji u qablu li l-membri ikunu skużati.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr.51 u dawn ġew approvati *nem com.*

3. **Korrispondenza**

3.1. Ittra mingħand it-TCTC bi proposta sabiex isiru korsijiet tal-kompjuters għall-adulti bl-isem ta' EM Citizen-Learnit, ECDL Standard u ECDL Advanced. Il-membri approvaw li isiru it-tlett korsijiet bis-somma ta' €2,800.

3.2. Korrispondenza mingħand *Main Street* sabiex issir attività li fiha jiġi mniedi it-tiżjin il-ġdid tal-Milied u tinxtegħel is-Siġra tal-Milied ta' quddiem il-Knisja. Il-finanzjament tal-attività isir kollu minn *Main Street*. Il-membri approvaw li issir din l-attività. Il-membri qalu wkoll li tkun idea sabiħa jekk il-presepju li kien armat fil-Vatikan u din is-sena ġie armat il-Belt Valletta isir armat ukoll f'Raħal Ġdid. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja dwar dan.

3.3. Korrispondenza mingħand l-Kor tal-parroċċa Kristu Re sabiex il-Kunsill jikkollabora magħhom biex isir *musical* tal-Ġimgħa l-Kbira bl-isem "*Ikun li Trid Int*". Il-membri iddiskutew dan anke fid-dawl li l-membri kellhom riservi jekk il-Kunsill għandux jidħol f'attivitajiet simili u qablu li għandom jingħataw aktar dettalji tal-ispejjeż involuti.

3.4. Korrispondenza mingħand l-Av. Byron Camilleri b'referenza għall-każ ta' ħlas żejjed ta' Management fee lis-Sur Elton John Zammit. L-avukat staqsa jekk Zammit kienx għamel tajjeb għall-ħlas żejjed li irċieva wara l-ittra li kienet mibgħuta lilu mill-istess Avukat. Fid-dawl illi s-Sur Zammit ma kienx resaq għall-ħlas l-avukat kien qed jissuġġerixxi illi l-Kunsill jipproċedi skond dak pprovdut f'Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll anness mal-ittra tal-avukat. Il-membri qablu li l-Kunsill jipproċedi kif propost mill-avukat.

3.5. Ittra mingħand l-Av. Abigail Critein fid-dawl ta' inċident li ġarrbet klijenta tagħha meta waqgħet f'gandott. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi fid-dawl tal-urġenza tal-ittra kien mexa fuq il-parir tal-avukat fejn il-Kunsill ma kienx qed jieħu responsabiltà tal-inċident dan fid-dawl li l-ittra intbagħtet xahar wara li sar l-inċident u wieħed ma setax jara kif u fejn sar dan l-inċident.

3.6. Ittra mingħand l-Av.Victor Bugeja b'talba ta' €300 f'*out of court settlment* wara l-inċident li ġarrbet klijenta tiegħu meta waqgħet fuq il-bankina fi Triq Tarxien. Il-membri qablu li għandna nimxu fuq il-parir tal-avukat fid-dawl li dawn it-talbiet anke qed isiru wara li ssir ħsara minn terzi, meta dawn jipparkjaw il-vetturi fuq il-bankini. Il-Kunsillier Spiteri qal li l-Kunsill m'għandux jinżamm responsabbli għall-ħsarat li saru minn terzi u talab li dan jiġi diskuss ukoll mal-avukat.

3.7. Korrispondenza mingħand Dussell Zahra għal talba għall-ħlas ta' €100.02 b'risq ħsara li ġarrab f'tyre kawża ta' ħofra li kien hemm fis-side road ta' Triq Dom Mintoff. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi s-Sur Zahra kien ippreżenta id-dokumenti kollha meħtieġa u għalhekk il-membri qablu li iħallsu.

3.8. Ittra mingħand is-Sinjura Anna Grima fejn turi id-dispjaċir tagħha illi qatt ma ssemmiet triq f'Raħal Ġdid jew f'lokalitajiet oħra tal-madwar għall-missierha Dr. Joseph F. Cassar Galea. Il-membri qablu li għandom iżommu nota ta' din l-ittra sabiex meta jkun hemm il-bżonn li tissemma triq ġdida dan l-isem jinżamm f'kunsiderazzjoni.

## 4. <u>Proġett Ġnien Dom Mintoff</u>

4.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni fejn informa lil membri illi tkompla ix-xogħol fuq Ġnien Dom Mintoff mill-entitajiet tal-Gvern, liema xogħol ser jinkorpora fih il-proġett kollu tal-Ġnien. Kompla billi fakkar illi qabel beda dan ix-xogħol mill-Gvern, il-Kunsill Lokali Paola kien applika fl-iskema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'risq proġetti Kapitali fejn kien ingħata is-somma ta' €50,000. Is-Sindku qal li din is-somma għada hemm u issa żdiedet għal €100,000.

4.2. Is-Sindku qal li sabiex dawn il-flus ma jintilfux bilfors iridu jintefqu fil-ġnien u għaldaqstant ressaq mozzjoni nr. 1/51/7 *"Sabiex il-fondi allokati lil Kunsill Lokali Paola mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali taħt l-iskema ta' finanzjament ta' Proġetti Kapitali b'risq il-proġett ta' Ġnien Wied Blandun, issa Ġnien Dom Mintoff, jintużaw biex isir monument tal-eks Priministru Dom Mintoff f'dan l-istess ġnien bħala parti minn dan il-proġett hekk kif il-ġnien huwa effettivament imsemmi għalih. Dan fid-dawl illi ix-xogħolijiet li kienu previsti li isiru f'dan il-ġnien saru kollha fl-intir tagħhom mill-Gvern Ċentrali."*

Din kienet ssekondata mil-Kunsilleri Spiteri. Ittieħed vot

Favur: Sindku, Kunsillier Spiteri u Kunsillier Lynch
Astensjoni: Ħadd
Kontra: Kunsillier Muscat u Kunsillier Bartolo.

Il-mozzjoni ref: 1/51/7 ġiet approvata bi tlett voti favur, żewġ voti kontra u l-ebda astensjoni.

4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li b'rabta ma' dan il-punt il-Viċi Sindku talbu sabiex iressaq il-ħsieb li isir ukoll monument lil eks Ministru tas-Saħħa Ċensu Moran li kien għadu kif ħalliena. Hawnhekk is-Sindku bi qbil mal-membri talbu li issir minuta silenzju b'tifkira tal-istess Moran.

*Sargħet minuta silenzju.*

Fuq dan il-punt is-Sindku ippropona li l-Kunsill jibgħat lil On. Fearne bit-talba sabiex l-isptar il-ġdid li ser isir fil-grawnd ta' Pace u Grasso jissemma għalih. Il-membri qablu.

Is-Sindku ippropona wkoll illi jekk dak mitlub qabel iseħħ, il-Kunsill Lokali Paola jikkummissjona monument għat-tabib Moran fid-daħla tal-istess sptar. Fid-dawl li ma kienx hemm qbil is-Sindku talab vot fejn is-Sindku, l-Kunsillier Spiteri u l-Kunsillier Lynch kienu favur u l-Kunsilliera Muscat u Bartolo kienu kontra.

5. **Proġetti infrastrutturali**

5.1. Is-Sindku informa lil membri illi kompla il-proċess fuq il-proġett ta' Telgħet Raħal Ġdid fejn issa qed nistennew li joħroġ il-permess tal-Awtorità tal-ippjanar.

5.2. Is-Sindku qal illi qed isir xogħol ukoll mill-Gvern Ċentrali fi Triq Kordin u l-Prinċipessa Marija però waqaf ix-xogħol fid-dawl li instab xelter u xi għerien fl-Mcast.

5.3. Is-Sindku kompla wkoll li għaddej ix-xogħol fl-akwata tal-appartamenti tal-Gvern ta' Triq Ġużè D'Amato li sfortunatament kellu jieqaf minħabba ħsarat fid-drenaġġ.

6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

## 7. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.1. Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar il-possibilità li l-monti jiġi trasferit għall-eks grawnd ta' Pace u Grasso fid-dawl li qiegħed isir xogħol mill-Awtorità tad-Djar f'parti mill-ispazju tal-monti. Is-Sindku informa lil kunsillier illi lilu informawh li l-Kunsill m'għandux jedd li jbiddel il-ġranet li jopera jew inkella l-post fejn jarma. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi issa li infetaħ il-proċess ta' diskussjoni dwar il-white paper tar-riforma tal-monti wieħed jista' faċilment iwassal il-ħsibijiet tiegħu ukoll.

7.2. Il-Kunsillier Lynch xtaq jistaqsi jekk hux possibbli li l-massimu tal-veloċità tal-vetturi tal-pjazza issir 25km/h. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jistaqsi dwar dan.

## 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 52 għas-somma ta' €24,513.27.

## 9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.35pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018.

9.2. Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |